Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 426/2012

**Regency Estates Limited (appellanti)**

**Vs**

**Tal-Lira Limited (appellata)**

18 ta' April, 2017.

1. B'sentenza tat-28 ta' Jannar, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin ewro u disa' centezmi (€872.09) ghal dak li jirrigwarda bhala *porterage fee* in konnessjoni mal-hwienet numru 5 u 6, Regency House, Triq Repubblika, Valletta, u cahad it-talba ghall-hlas ta' sitt mija u tmintax-il ewro u disgha u hamsin centezmu (€618.59) relatat mal-konsum tad-dawl u elettriku ghall-perjodu Jannar sa Frar 2009.

2. L-attrici appellat minn dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal cahad it-talba tal-attrici fir-rigward tal-konsum tad-dawl u ilma. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

> *"2. Mhux l-istess dwar il-kont ta' dawl u ilma. Hawn ix-xhieda ta' Joe Sant direttur tas-socjeta konvenuta, titfa dubju serju fuq il-pretensjoni attrici, liema xhieda ma gietx validament kontradetta mis-socjeta konvenuta".*

3. L-attrici ssostni li l-konvenuta ma hallsitx il-kontijiet li jirreferu ghall-konsum ta' dawl u ilma ghax-xhur Jannar u Frar 2009[1], u li ma kienet inghatat l-ebda raguni ghalfejn il-hlas ma sarx. F'dan ir-rigward Joseph Sant, direttur tas-socjeta konvenuta, xehed:

> *"Jien nghid li rigwardanti l-invoice a fol. 20 li sar ftehim mal-ARMS Limited rigwardanti l-kont tad-dawl u ilma ta' Regency House kollha u s-sehem tal-kumpannija tieghi kien ta' €13,995. Qed jithallas bi ftehim mal-ARMs imma l-kont qed johrog fuqi imma dan jirreferi ghall-premises li qed nitkellmu fuqu. L-isem Joseph Cachia u Stephen Palmier jirreferi ghal zewg inkiwlini ohra tal-istess Regency House Complex li kien qed huma jmexxu l-istorja bl-avukati biex din il-kwistjoni tal-ARMS tigi rizolta. Huma kellhom il-prokura tieghi sabiex jidhlu f'dan il-ftehim".*

[1] Fil-kont a fol. 20 hu ntestat *"Invoice – Water & Electricity – 01 January to 28 February 2009"*.

Domandi in kontro-ezami dwar il-kont tad-dawl u ilma ma sarulux. L-attrici ssostni li ma kienx hemm htiega li jsiru domandi lix-xhud gialadarba fl-iskrittura m'hemmx riferenza ghall-perjodu li ghalih qeghda tirreferi dik l-iskrittura. Il-qorti ma taqbilx. Jekk l-attrici riedet tiskredita lix-xhud kellha kull opportunita' li taghmel hekk permezz tal-kontro-ezami.

4. Kuntrarjament ghal dak li ssostni l-attrici fir-rikors tal-appell, fl-iskrittura privata a fol. 27 il-hlas gie accettat ghan-nom ta' Regency Estates (Arms) Ltd. Fir-rikors tal-appell l-attrici argumentat:

> *"Illi fit-tieni lok ma jirrizulta bl-ebda mod immaginabbli li l-pagamenti li saru skont l-istess skrittura jkopru l-ammont dovut fil-perjodu mitluba mis-socjeta appellanti. Hawnhekk allura kien zball tat-Tribunal li ex gratia jassumi li dawn il-pagamenti kienu jkopru l-istess perjodu…..*
>
> *Illi b'kull dovut rispett semplici arrangament ta' modalita' ta' pagament minghajr kundizzjoni cara (jew merament hjiel) u inekwivoka tal-perjodu in dizamina qatt ma seta jwassal ghal dak il-grad ta' konvinciment morali rikjest fil-kamp civili, lanqas abbazi tal-ekwita imsemmi mit-Tribunal fis-sentenza appellata"*.

Pero' fl-iskrittura, li giet iffirmata fis-17 ta' Gunju, 2013, jinghad li:

> *"We unanimously agree that Mr Joseph Sant and/or any of his companies and tal-Lira Limited and/or any of its related companies or subsidiaries, **have no further ties and/or connections with us and owe no further amounts, after the following cheques have been cashed**….."*

Il-hlas li tippretendi l-attrici hu ghall-perjodu **Jannar – Frar 2009**, gialadarba Alfred Joseph Baldacchino xehed li sa Dicembru 2008 il-konvenuta dejjem halset il-kontijiet hlief ghal dawk bejn Jannar u Frar 2009 (fol. 14). Il-qorti tosserva li:

i. L-attrici ma pprezentatx il-kont li suppost irceviet minghand ARMS Limited ghall-perjodu in kwistjoni;
ii. L-attrici ma tatx prova li hallset lill-ARMS Limited l-ammont li tippretendi minghand il-konvenuta;

Provi li ma kellhomx ghalfejn jintalbu gialadarba l-konvenuta kienet qeghda tikkontesta l-pretensjoni tal-attrici. Fil-fehma tal-qorti kien elementari li jitressqu dawk provi.

Meta tqies li l-iskrittura hi datata 17 ta' Gunju, 2013 u in vista ta' dak li nghad fiha, il-qorti ma tara xejn stramb li t-Tribunal emmen il-verzjoni ta' Sant.

5. Il-qorti zzid li r-riferenza li l-attrici ghamlet ghall-prokuri lil Joseph Cachia u Stephen Palmier, ma kinux rilevanti ghall-ezitu tal-kawza. F'kull kaz prokura m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub. Fl-iskrittura jinghad li l-ftehim sar ghan-nom ta' Joseph Sant u s-socjeta konvenuta. Meqjus ukoll dak li nghad f'paragrafu erbgha (4) tas-sentenza, il-fatt li l-iskrittura tas-17 ta' Gunju, 2013 ma taghmilx riferenza ghar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet fil-kawza ma kellux iwassal sabiex Sant ma jitwemminx.

6. Fir-rikors tal-appell l-attrici ghamlet ukoll riferenza ghal tlett sentenzi fejn l-appellanti kienet is-socjeta attrici. Pero' ma jirrizultax li dawn kienu ssemmew quddiem it-Tribunal u m'huwiex maghruf xi provi tressqu fihom. Inoltre, ma jirrizultax li l-konvenuta kellha x'taqsam ma' dawk il-proceduri. Ghalhekk dawk is-sentenzi qatt ma setghu jservu ta' prova kontra l-konvenuta.

7. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li l-attrici ma tat l-ebda raguni valida ghalfejn il-verzjoni ta' Sant ma kellhiex titwemmen.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.